*Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2024*

# Regolamenti

## Kategorija 2

## Proġetti 2025 – Xogħol Artiġjanali li Jispira u Innovazzjoni permezz ta' Kollaborazzjoni

Din il-kategorija tagħti sapport lill-kollaborazzjonijiet bejn l-artiġjana, nies krejattivi, intrapriżi diġitali u tekonoloġiċi, kunsilli lokali u instituzzjonijiet edukattivi u ta' riċerka biex jiżviluppaw proġetti artiġjanali inovattivi u b'element qawwi ta' disinn li jħallu impatt pożittiv fuq is-settur.

L-għan ta' dan il-premju hu li jinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni, il-kompetittivita', jintegra l-kreattivita', id-disinn u t-teknoloġija fi prodotti artiġjanali u jinkoraġixxi prodotti ġodda, innovattivi jew prodotti b'valur miżjud jew idejat żviluppati b'kollaborazzjoni bejn disinjaturi, manifatturi jew kumpaniji tat-teknoloġija.

## 1. Definizzjonijiet

1.1 **Applikant**: il-persuna li qiegħda tissottometti l-applikazzjoni, kemm bħala individwu, bħala grupp jew bħala organiżazzjoni u hi wkoll responsabbli mill-amministrazzjoni tal-proġett.
1.2 **Parteċipanti**: il-grupp ta' nies/imsieħba kemm jekk huma individwi jew qed jirrappreżentaw grupp jew organiżazzjoni li qed jaħdmu fuq il-proġett.
1.3 **Proġett**: il-proġett artiġjanali li qiegħed jiġi preżentat għall-kompetizzjoni.
1.4 **Kumitat Organiżattiv:** il-kumitat responsabbli biex jistruttura l-kompetizzjoni, biex jirċievi u jiċċekkja l-applikazzjonijiet u biex jorganizza l-esebizzjoni u ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet.
1.5 **Kumitat ta' Selezzjoni**: kumitat kompost minn esperti minn diversi Organiżazzjonijiet tal-Gvern kif ukoll minn rappreżentanti ta' organiżazzjonijiet tal-Artiġjanat u l-Arti. Il-Kumitat huwa responsabbli mill-evalwazzjoni tal-prodotti sottomessi għall-kompetizzjoni.
1.6 **Organiżazzjoni:** tirreferi għal sħubija pubblika/privata kif ukoll għal organiżazzjonijiet pubbliċi jew privati**.**

## 2. Min jista' Jipparteċipa

2.1 L-individwi kollha inkluża artiġjana, studenti, apprentisti, nies li jipprattikaw l-artiġjanat bħala passatemp, **reġistrati mal-uffiċju tar-reġistratur tal-artiġjanat u artiġjana fi ħdan id-Dipartiment tal-Kummerċ**, - basta għandhom sittax -il sena jew aktar fid-data tal-applikazzjoni u joqogħdu fil-gżejjer Maltin. Il-parteċipanti jistgħu jipparteċipaw b'mod individwali jew inkella f'isem grupp jew organiżazzjoni u huma lesti li jidħlu f'kollaborazzjoni biex jiżviluppaw proġett innovattiv. Huwa importanti li d-dettalji tal-parteċipanti kollha li se jaħdmu fuq il-proġett jiġu sottomessi kif u fejn indikat mill-istess applikazzjoni.
**2.2 Artiġjana, studenti, apprentisti, nies li jipprattikaw l-artiġjanat bħala passatemp li mhumiex reġistrati jistgħu jipparteċipaw xorta waħda. Pero' dawn ikunu jridu jirreġistraw mad-Dipartiment tal-Kummerċ qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt.**
2.3 Kumpaniji li għandhom x'jaqsmu mat-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni li illhom legalment stabbiliti għal sitt xhur qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni.
2.4 Kunsilli lokali u istituzzjonijiet edukattivi u ta' riċerka.
2.5 L-applikant irid ikun il-persuna jew l-organiżazzjoni li qed jikkordina l-proġett.

## 3. Min ma jistax Jipparteċipa

3.1 Impjegati tal-Malta Crafts Foundation u membri tal-familji tagħhom* mhux eleġibbli li jipparteċipaw.
3.2 Membri tal-Kumitat ta' Selezzjoni u membri tal-familji tagħhom* mhux eleġibbli li jipparteċipaw.
3.3 Individwi u entitajiet li rċevew fondi pubbliċi jew fondi Ewropej għall-produzzjoni tal-proġett tagħhom jew parti minnu mhux eleġibbli li jipparteċipaw.

3.4 Entitajiet pubbliċi li l-mandat tagħhom huwa li jgħallmu/jipproduċu prodotti artiġjanali u/jew huma involuti fis-settur tal-artiġjanat b'diversi modi mhux eleġibbli li jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoniji bħala kordinaturi tal-proġett.
3.5 Proġetti rebbieħa fejn l-ideja tal-proġett u/jew il-konfigurazzjoni tal-parteċipanti jkunu l-istess bħal ta' dak ġa rebbieħ.

***Għall-fini ta' din il-kompetizzjoni, membri tal-familja tfisser: ġenituri, aħwa, konjuġi (inkluż dawk f'unjoni ċivili) u ulied.***

## 4. Il-Proġett

4.1 Il-Proġett irid jiġi prodott kollu kemm hu fil-Gżejjer Maltin u jrid jitlesta qabel Mejju 2026.
4.2 Il-proġett għandu terminu ta' disa' xhur. Xahar ta' estensjoni jista' jkun mitlub mill-applikant, pero' dan ikun suġġett għal deċiżjoni tal-kumitat organiżattiv. Il-kumplessita' tal-proġett jiddetermina din il-konċessjoni.
4.3 Jekk ikun proġett li jkun kreazzjoni ta' oġġett fiżiku, dan irid ikun uniku, oriġinali u fuq kollox il-maġġor parti tiegħu magħmul bl-idejn. Oġġetti ta' periklu kif ukoll dawk ħajjin huma esklużi.
4.4 Il-proġett jew partijiet minnu qatt ma jkun irid rebaħ xi premju jew kompetizzjoni oħra.
4.5 Il-parteċipanti ma jistgħux ikunu involuti f'aktar minn applikazzjoni waħda. Il-proġetti rebbieħa jkunu jistgħu jipparteċipaw f'sejħiet futuri f'każ biss li l-ideja tal-proġett jew il-konfigurazzjoni tal-parteċipanti jkunu kompletament differenti minn dawk ġa rebbieħa.
4.6 Il-proġett irid ikun il-kreazzjoni tal-parteċipanti.
4.7 Il-proġett irid ikun ta' propjeta' tal-parteċipanti mill-bidu sat-tmiem tal-proġett.
4.8 Proġetti bla evidenza ċara ta' avvanz jew innovazzjoni jiġu rrifjutati.
4.9 Jekk l-applikant jissottometti il-proġett f'kompetizzjoni oħra u jirbaħ premju jew jirċievi fondi minn entita' oħra - jekk il-proġett ma jibqax fil-pussess tal-parteċipanti jew – għal xi kwalunkwe raġuni l-proġett jgħaddi għand terzi jew wieħed mill-parteċipanti jiddeċiedi li jirtira, l-applikant għandu javża b'ittra elettronika b'mod immedjat lill-Fondazzjoni sabiex il-proġett jiġi mneħħi mill-kompetizzjoni. F'każ li l-proġett ikun qed jingħata xi fondi dawn jieqfu minnufih. La darba il-proposta tal-proġett tiġi sottomessa għall-kompetizzjoni, din ma tkunx tista' tiġi mibdula.
4.10 Attivitajiet konnessi mal-proġett li jkunu ġa ġew iffinanzjati jew qed jiġu ffinanzjati minn sorsi oħrajn jiġu rrifjutati minħabba li fondi ta' sussidju jistgħu jingħataw darba biss.
4.11 Proġetti li ma' jiġux allokati fondi għalihom, f'każ li jibqgħu jissodisfaw il-kriterji kollha tar-regolamenti, jistgħu japplikaw għall-fondi s-sena ta' wara.

## 5. Stadju ta' Applikazzjoni u Validazzjoni

5.1 Il-Perjodu ta' Applikazzjoni ikun miftuħ sal-Ġimgħa 28 ta' Frar 2025. Applikazzjonijiet aktar tard mid-data stipulata mhux se jiġu aċċettati.
5.2 L-applikanti prosepettivi kollha huma mitluba li jattendu workshop nhar is-Sibt l-ewwel ta' Frar fis-1pm. L-attendenza hija **obbligatorja**.
5.3 Tingħata riċevuta tal-applikazzjoni iżda din ma tkunx tfisser prova tal-validazzjoni.

5.4 Kull applikazzjoni jrid ikollha minimu ta' żewġ parteċipanti li fihom jinkludu artiġjan li jaħdem f'waħda mil-lista tal-arti, ħiliet, snajjà u industriji meqjusa bħala artiġjanat Malti (ara l-anness) u disinjatur jew intrapriża diġitali u/jew teknoloġika,.

5.5 Wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, il-Kumitat Organiżattiv janalizza l-applikazzjonijiet kollha. Fil-każ ta' applikazzjoni mhux kompluta, l-Applikant ikun mitlub jirretifika il-formola tal-applikazzjoni f'perjodu speċifikat ta' żmien. Jekk l-Applikant ma jipprovdix l-informazzjoni rikjesta, l-applikazzjoni tkun dikjarata bħala mhux eliġibbli biex tipparteċipa.

5.6 Fil-każ fejn numru kbir ta' applikazzjonijiet jiġu mitfgħuha, il-kumitat Organiżattiv jirriserva d-dritt illi jsaqsi lill-Kumitat ta' Selezzjoni biex issir 'shortlisting' qabel issir l-evalwazzjoni finali tal-proġetti sottomessi għall-kompetizzjoni.

5.7 Ma' kull applikazzjoni l-applikant hu mitlub li jikteb glossarju li fih **jikludi abbozzi, idejat, skema ta' kif se jsir ix-xogħol fiż-żmien stipulat, il-ftehim ta' bejn il-parteċipanti u l-portafoll tax-xogħol li juri l-ħidma tal-parteċipanti kollha.**

5.8 Kull applikazzjoni trid tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni qasira dwar il-kunċett wara l-ideja tal-proġett kif ukoll kwalunkwe tip ta' studju fuq dan l-istess proġett li jkun sar.

5.9 Kull applikazzjoni kompluta (inkluż ritratti etc) ma tistax tkun akbar minn 10MB meta tintbagħat permezz tal-imejl. Jekk ikbar fid-daqs għandha tintbagħat permezz ta' WeTransfer jew programm simili.

## 6. Esebizzjoni

6.1 Il-proposti tal-proġetti sottomessi se jkunu esebiti fl-esebizzjoni li ssir għal-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2024 fi kwalunkwe post li tiddeċiedi il-Malta Crafts Foundation.

6.2 Il-Malta Crafts Foundation għandha d-dritt esklussiv li tiddeċiedi kif u fejn jiġi espost il-proġett waqt l-Esibizzjoni.

6.3 Proġetti kompluti jiġu preżentati fuq il-medja soċjali u l-applikanti jistgħu jiġu mitluba jagħmlu preżentazzjoni tal-proġetti kompluti.

6.4 Proġetti kompluti jistgħu jintalbu jippreżentaw ix-xogħol sottomess għall-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti waqt DesignMT – f'Settembru jew Ottubru 2026.

## 7. Ilmenti u Rapporti

7.1 Waqt il-perjodu tal-esebizzjoni, l-applikanti u l-pubbliku in ġenerali jkunu jistgħu jressqu oġġezzjonijiet u/jew jiġbdu l-attenzjoni dwar xi irregolaritajiet fil-proġetti parteċipanti li jkunu qed jiksru xi regolament/i tal-kompetizzjoni.

7.2 Dan ikun jista' jsir fuq formola speċifika li tkun provduta mill-Malta Crafts Foundation.

7.3 Persuni li jirraportaw xi possibilita' ta' irregolarita jkunu mitluba biex jissostanzjaw l-akkużi u jikkwotaw liema mir-regolamenti jkunu qed jinkisru.

7.4 Tim speċifiku li jkun appontat mill-Malta Crafts Foundation jara' dawn ir-rapporti u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Organiżattiv u/jew lill-Kumitat ta' Selezzjoni kif meħtieġ.

7.5 Ilmenti jew Rapporti li jaslu wara ż-żmien stipulat ma jkunux ikkunsidrati.

## 8. Kriterji tal-Evalwazzjoni

Kull proġett se jiġi evalwat fuq il-kriterja li ġejjin. Il-proġetti se jiġu klassifikati skont l-ordni tal-marki li jġibu u l-fondi jiġu allokati skont din l-ordni sakemm jispiċċaw. Il-marka minima biex proġett jiġi allokat fondi hi ta' 50%.

**Kollaborazzjoni effettiva – 20% tal-marka totali allokati kif ġej:**

- Il-parteċipanti għandhom l-esperjenza neċessarja u l-kompetenza kif ukoll il-kapaċita' neċessarja biex ikunu jistgħu jattwaw il-proġett b'mod u manjiera li jkun ta' suċċess (10%)
- Portafoll, kredenzjali u rekord tax-xogħol tal-parteċipanti (5%)
- Potenzjal li bil-proġett l-applikant jista' jikber u jimrah (5%)

**Żmien realistiku tal-proġett u l-miri li jridu jintlaħqu - 10% tal-marka totali**

**Possibilita' tar-realiżazzjoni tal-proġett - 10% tal-marka totali**

**Innovazzjoni - 25% tal-marka totali allokati kif ġej:**

- Novità (5%)
- Interpretazzjoni tax-xogħol tradizzjonali (5%)
- Użu innovattiv ta' materjal (5%)
- Impatt fis-suq (10%)

**Viżjoni Artistika – 5% tal-marka totali**

- Immaġinazzjoni u oriġinalità (5%);

**Użu effiċjenti tar-riżorsi - 5% tal-marka totali**

**Għarfien tat-teknika – 15% tal-marka totali allokati kif ġej:**

- Teknoloġija u/jew maturita' fl-użu tat-Teknoloġija (5%)
- Użu ta' għodda diġitali (5%)
- Użu ta' materjali u proċessi sostenibbli (5%)

**Impatt pożittiv fis-settur - 10% tal-marka totali**

## 9. Premjijiet

9.1 L-ammont ta' €41,500 huwa l-premju monetarju ta' din il-kompetizzjoni. Dan l-ammont jista' jingħata għal ħames proġetti jew aktar.
9.2 Kull proġett jista' jingħata sa 75% tal-ispejjeż tal-proġett sa massimu ta' 8300 Euro.
9.3 Ir-rebbieħa kollha jitħabbru waqt ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet li se ssir f'Ġunju/Lulju 2025.
9.4 Il-Kumitat ta' Selezzjoni jirriserva d-dritt li ma jagħtix premju/premjijiet jekk il-livell tal-iskrizzjonijiet parteċipanti ma jkunx wieħed sodisfaċenti.

9.5 Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat ta' Selezzjoni ikunu kkunsidrati bħala finali. Ebda appell mhu se jiġi milqugħ fi kwalunkwe każ u s-selezzjoni tal-kumitat hi finali u għandha tinżamm kunfidenzjali.

9.6 Il-Malta Crafts Foundation tirriserva d-dritt li tiskwalifika applikanti u/jew tirrevoka premjijiet u/jew tieħu kull azzjoni oħra li li taħseb li tkun neċessarja, jekk l-Applikant jinstab li jkun għamel dikjarazzjoni falza jew ma jkunx irrispetta xi wieħed jew aktar mir-regolamenti imsemmija hawn fuq. Il-Kumitat ta' Selezzjoni jista' jiltaqa' mill-ġdid sabiex jerġa' jagħmel evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet skont il-bżonn bil-possibilità li jerġa' jingħataw l-premjijiet.

9.7 Il-Fondazzjoni se tieħu ħsieb li tinnotifika lill-applikanti kollha dwar id-data tas-serata meta l-proġetti li se jingħataw fondi jsiru magħrufa. L-applikanti kollha għandhom ikunu preżenti għas-serata u wkoll għandhom l-obbligu li jirrispondu għad-domandi tal-ġurnalisti fil-bżonn li tinqala' l-eventwalita'.

9.8 F'każ li applikant ma jkunx jista' jattendi ċ-ċerimonja ta' premjazzjoni, dan għandu jinforma lill-Fondazzjoni u jinnomina rappreżentant li jkun jista' jattendi minfloku. Dawn id-dettalji tar-rappreżentant, li jista' jiċievi l-premju għan-nom tal-applikant, iridu jinkludu l-isem, deżinjazzjoni u numru tal-karta tal-identità.

9.9 Il-proġetti rebbieħa jsiru benefiċarji u huma mistennija li jimxu mall-Grant Agreement (kopja qed tiġi provduta flimkien mar-regolamenti) - kuntratt li jirregola l-allokazzjoni tal-grant. Dan il-ftehim jinkludi spjega tax-xogħol amministrattiv li jrid isir mill-benefiċarji inkluż obligazzjonijiet ta' rappurtaġġ, għanijiet li jridu jintlaħqu u l-perjodu marbut magħhom u dettalji ta' kif jiġu mqassma l-fondi.

9.10 Il-fondi jingħataw lill-applikant lii jiġi nominat bħala 'Project Leader'

9.11 Kull proġett li jingħata fondi ikun irid jissottometti rappurtaġġ perjodiku (progress u problemi li qed jiffaċċja l-proġett flimkien ma' disinji tekniċi, speċifikazzjonijiet u tpinġijiet), flimkien ma' rapport finali li fih jinkludi kull dokumentazzjoni neċessarja dwar il-prodott finali u rapport finanzjarju. Nuqqas ta' rappurtaġġ jista' jwassal għall-kanċellazzjoni tal-proġett.

9.12 Kull proġett li jirbaħ se jkun sewgit mill-Fondazzjoni ħalli b'hekk ir-rebbieħ jagħmel l-aħjar użu possibbli mill-fondi allokati.

9.13 Kull proġett rebbieħ hu obbligat li jiġi reklamat filwaqt li jissemma l-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti u l-fondi mirbuħa u tiġi ttegjata l-Malta Crafts Foundation kif imniżżel fis-sezzjoni tal-Pubbliċita' fil-kuntratt.

## 10. Aspetti Legali

Meta l-applikant jissottometti proġett għal din il-kompetizzjoni, jaċċetta dawn ir-regoli bla ebda kundizzjoni. F'każ li dawn ir-regoli ma jiġux imħarsa, il-Fondazzjoni tirriserva d-dritt li tiskwalifika lill-applikant u l-proġett imneħħi mill-kompetizzjoni.

Il-Malta Crafts Foundation għandha d-dritt li tirtira, tissospendi, testendi jew timmodifika il-Premju u r-regoli annessi miegħu, f'kull ħin, bla ebda notifika f'każ ta' ċirkostanzi straordinarji jew f'każ li jkun hemm sitwazzjonijiet ulterjuri li jistgħu jxekklu mill-proċedura ta' dan il-premju. L-ebda protest ġudizzjarju taħt kwalunkwe forma ma' jista' jittieħed kontra l-imsemmija Fondazzjoni mill-parteċipanti. F'każ ta' tibdil fir-regoli dawn jiġu ppublikati fuq il-paġna ta'

Facebook tal-Fondazzjoni u/jew fuq il-website tal-Malta Crafts Foundation. Il-parteċipant għandu d-dritt li jiritira l-parteċipazzjoni tiegħu f'każ li ma jaqbilx ma' dawn ir-regoli.

# Anness

Lista ta' arti, ħiliet, snajjà u industriji meqjusa bħala artiġjanat Malti skont L.S. 421,02

1. *Produzzjoni ta' prodotti ta' furnara u dulċiera (bħal ħobż, biskuttini, qagħaq, galletti, qubbajd, pasti, eċċ)*
2. *Produzzjoni tal-Għasel*
3. *Produzzjoni ta' prodotti agrikoli (bħal ġbejniet, prodott imqaddin eż. tin, tadam, eċċ; prodotti preservati u mmellħin, eċċ)*
4. *Produzzjoni ta' nbid u xorb alkoħoliku jew mhux*
5. *Produzzjoni ta' strumenti mużikali*
6. *Produzzjoni ta' pipi tat-Tipjip*
7. *Produzzjoni u tiswija ta' arloġġi*
8. *Produzzjoni ta' melħ*
9. *Produzzjoni tal-ġir*
10. *Produzzjoni ta' karozzini, srieken u inġenji oħra bħalhom*
11. *Xogħol ta' metal (bħal ħadid, landa, ram, bronż, eċċ)*
12. *Xogħol ta' metal prezzjuż (bħal deheb, fidda, eċċ)*
13. *Xogħol ta' tessuti (bħal bizzilla, insiġ, rakkmu, crochet, makramé, tatting)*
14. *Xogħol ta' fuħħar, ċeramika u porċellana jew materjal ieħor ta' xorta simili*
15. *Xogħol ta' plastik, fiberglass jew materjal ieħor ta'xorta simili*
16. *Xogħol ta' xema'*
17. *Xogħol ta' qasab*
18. *Xogħol ta' ġebel*
19. *Xogħol tal-injam (bħal għamara, eċċ)*
20. *Xogħol ta' skarpan*
21. *Xogħol tal-ġild*
22. *Xogħol tal-ħġieġ*
23. *Xogħol ta' restawr*
24. *Xogħol ta' stampar (kotba, rivisti eċċ) u xogħol relatat (bħal illegar)*
25. *Xogħol tal-kpiepel*
26. *Xogħol ta' kartapesta*
27. *Xogħol ta' trofej, medalji u badges*
28. *Xogħol ta' statwi u statwetti*
29. *Xogħol ta' parrukiera, stilisti tax-xagħar, ċentri tas-sbuħija u attivitajiet relatati*
30. *Xogħol ta' tapezzerija*
31. *Xogħol ta' tnegħil*
32. *Xogħol ta' bnadar u stemmi*
33. *Xogħol ta' tpinġija, tabelli bl-idejn, tberfil biż-żebgħa u xogħol relatat*
34. *Manifattura ta' madum*
35. *Ħjata*
36. *Ganutell*
37. *Intarsjar*
38. *Induratura*
39. *Skultura fuq ġebel jew injam*
40. *Bini ta' dgħajjes*
41. *Arranġament ta' fjuri*

*42.* *Mudellar fit-tafal Malti, injam, landa jew materjal ieħor*
*43.* *Pirografija*
*44.* *Tatwaġġ*
*45.* *Tinqix*
*46.* *Gwarniċjar*